Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 131 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw tal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice, taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 484 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3.(1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li juru profiċjenza fil-Malti u li għandhom il-kwalifiki li ġejjin: grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew minn istituzzjoni oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fil-Psikoloġija, fis-Social Work, fl-Edukazzjoni, fil-Youth and Community Studies jew f'xi qasam ta' studju ieħor meqjus rilevanti mill-Bord.

(2) L-applikanti skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma wkoll meħtieġa jkollhom sena esperjenza ta' xogħol normalment f'settur psikosoċjali. L-applikanti għandhom jippreżentaw ittra li turi li għandhom mill-anqas 1200 siegħa ta' esperjenza f'dan ix-xogħol. Esperjenza ta' xogħol miksuba minn settur volontarju jkun ikkunsidrata wkoll."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time,* jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-valutazzjoni ta' Settembru."

5. Il-paragrafu (3) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (4).

6. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali.

"(3) Suġġett għall-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni tat-taqsima studju li tinvolvi esperjenza ta' xogħol, prattika klinika jew xi taqsima studju oħra li titlob valutazzjoni fuq perijodu ta' żmien, meta ma jkunx prattiku jew possibbli li valutazzjoni mill-ġdid ssir fl-istess sena akkademika, ikunu meħtieġa li jagħmlu it-taqsima mill-ġdid f'sena addizzjonali. Is-sena addizzjonali m'għandhiex titqies għall-għan tat-tul tal-Kors. Jekk jgħaddu b'suċċess fil-valutazzjoni mill-ġdid f'dawn it-taqsimiet, u jekk ikunu eliġibbli, l-istudenti jitħallew ikomplu l-Kors fl-opportunità li jmiss."